# Rafel Bonnici Cali u l-Madonna

Kont qiegħed naqra b'interess dak li kiteb l-Artist Rafel Bonnici Cali fil-ktieb tiegħu "56 Tpinġija tal-Madonna" ippubblikat fl-Okkazzjoni tas-Sena Marjana 1988.



F'dan il-ktieb l-artist Bonnici Cali nkluda 56 kwadru li ħarġu mill-pniezel ikkuluriti tiegħu tul il-karriera tiegħu bħala pittur, li fihom huwa inkluda l-figura tal-Madonna.

Laqatni l-fatt li wieħed mill-ewwel kwadri tiegħu kien dak li pinġa fis-sena 1921 u li fih naraw il-Madonna ippreżentata bit-Titlu sabiħ tal-'Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.'

Dan kien pinġieh fis-sena 1921 meta kellu biss 14-il sena. Kif jgħid l-artist stess, huwa kien sema' l-ewwel darba b'dan it-titlu meta kellu 10 snin, u dan meta fil-pajjiż kienet qiegħda tikber u tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna wara d-dehriet ta' Fatima fl-1917.

Il-Kwadru huwa wieħed ta' daqs żgħir u fih l-artist pinġa lill-Madonna b'wiċċ mimli ħlewwa liema bħala, b'ħarsa ħelwa li imbagħad huwa kompla jippreżentha f'tant kwadri oħrajn li fihom huwa kien jispjega dak li dejjem kellu f'qalbu - imħabba kbira lejn il-Madonna.

Il-qalb bid-dija ħierġa minnha u bil-fjamma ta' l-imħabba mdawwra b'ward sabiħ fiċ-ċentru tax-xena iġġiegħel lil dak li jkun quddiem dan il-kwadru biex jirrifletti ftit dwar il-kobor ta' l-imħabba li għandha l-Madonna lejn il-bniedem.

Tant kemm kien intogħġob dan il-kwadru li kienu l-ġenituri ta' l-artist stess li żammewh b'għożża għal tant snin fil-kamra tagħhom.

Dan it-Titlu sabiħ tal-Madonna tant warrad li l-quddiem kien ġie magħżul mill-poplu tal-lokalita' ta' Burmarrad biex ikun it-Titular tal-Knisja tagħhom - knisja li bħall-"Qalb Bla Tebgħa ta' Marija" tinsab fiċ-ċentru ta' triq prinċipali, biex tkun ta' eżempju għalina u tfakkarna li Marija għandha tkun iċ-ċentru tat-triq ta' l-imħabba li twassalna lejn il-Mulej.

Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd

Mario Fenech